# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 19 ta' Mejju, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**
**vs**
**Mohamed A.K. Gubgub**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mohamed A.K. Gubgub, i u detentur ta' dokument ta' Refugjati – Subsidiary Protection 19226;

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-18 ta' Mejju, 2017 ghal habta tal-hamsa neqsin kwart ta' filghodu (04:45hrs) fi Triq is-Swieqi u/jew fil-vicinanzi:-

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb kotnra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qieghdin jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;
2. Akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qieghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

3. Ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq PC 387 Roderick Mercieca skond kif iccertifika Dr Ramon Scerri M. D Med Reg. No:- 1986 mill-Mosta Health Centre.
4. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe' vettura tal-ghamla Fiat, numru ta' registrazzjoni JBN 828 liema hsara ma' tiskorrix l-mitejn u hamsin Euro (€250) u dan ghad-dannu ta' Joanna Barthet u/jew persuni ohra.
5. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe' vettura tal-ghamla Kia, numru ta' registrazzjoni CIC 838 liema hsara ma' tiskorrix l-mitejn u hamsin Euro (€250) u dan ghad-dannu ta' Helen Zerafa Boffa u/jew persuni ohra.
6. F'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien jinsab fis-sakra.
7. Ma' obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' min ikun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma' hallewhomx jew fixkluhom waqt li kienu qieghdin jaghmlu d-dmirijiet taghhom.

Rat li l-ufficjal prosekutur irtira l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-prosekuzzjoni rtirat l-ewwel imputazzjoni, il-Qorti ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoznijiet l-ohra migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati min-naha u min-naha l-ohra l-eventwali koperazzjoni mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fatt li huwa gia hallas ghall-hsara minu kawzata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-ewwel imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 95, 221, 325(1)(c), u

338(ee)(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-mputazzjonijiet l-ohra kollha u tikkundannah **multa ta' tmien mitt Euro (€800)** li ghandha tithallas fi zmien sitt (6) xhur u tikundannah ukoll **tlett (3) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiezi ghal-perjodu ta' tmintax (18) il-xahar**.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**DR DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**